MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 324/2015/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 324/15**

**Av Antonio Ghio (358977 M)**

**bhala mandatarju specjali ta' (i) Hyundai Motor**

**Co. Ltd., socjeta` registrata gewwa Seoul, Korea;**

**(ii) Kia Motors Corp. Ltd., socjeta` registrata gewwa**

**Seoul, Korea, u (iii) Mobis Parts Europe N.V. socjeta` registrata gewwa Lummen, Belgju**

**vs**

**Daniel Zerafa (574279 M)**

**f'ismu proprju u bhala ezercitant f'isem id-ditta DMD Autoparts**

**ta' 6, Triq l-Imdina, Zebbug, ZBG 9016 flimkien u in solidum bejniethom**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat il-25 ta' Frar, 2015;

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari precedenti taghha datat ukoll il-25 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-istess rikors promotur riferit fil-paragrafu precedenti ddikjarat li:

2.1. Laqghet provizorjament it-talbiet tar-rikorrenti *nomine* fuq indikat;

2.2. Apputat l-istess rikors promotur ghas-smigh fl-udjenza u fil-hin hemm indikat, (ara foll 1 u 100); u

2.3. Ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontroparti ghar-risposta sa l-udjenza gia prefissata;

3. Rat ir-risposta ta' l-intimati datata s-6 ta' Marzu, 2015, (ara foll 104);

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

5.0. Illi fl-imsemmi rikors guramentat promotur ir-rikorrenti *nomine* sintetikament elenka il-pretensjonijiet tieghu bil-mod segwenti:

5.1. Illi qieghed jitlob il-hrug tal-mandat in dizamna biex l-intimati jinzammu milli jimpurtaw, joffru ghall-bejgh jew ibieghu fis-suq lokali *spare parts* u accessorji li ghandhom anke jekk fuq l-impakkettar taghhom, il-marki *Hyundai* jew *Kia* jew *Mobis* u dan *stante*;

5.1.1. Illi r-rikorrenti *nomine* qed jirraprezenta lis-socjetajiet esteri fuq indikati kif riferit fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

5.1.2. Illi l-imsemmija socjetajiet huma proprjetarji tal-marki madwar id-dinja, inkluz f'Malta, (ara foll 1);

5.1.3. Illi s-socjeta` *Mobis Parts Europe N.V.* ghandha dritt esklussiv tissuplixxi, tiddistribwixxi u tbiegh spare parts tal-*Hyundai* u tal-*Kia* fl-Ewropa, u ghandha l-agenti taghha f'Malta kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur;

5.1.4. Illi l-istess *Mobis Parts Europe N.V.* tirraprezenta lis-socjetajiet indikati fl-istess rikors guramentat promotur (ara foll 2), fid-drittijiet kollha taghhom;

5.1.5. Illi s-socjetajiet rikorrenti juzaw marki simili izda differenti fl-ippakkjar taghhom u jiddistingwu is-suq domestiku Korejan minn dak Ewropew;

5.1.6. Illi sahansitra jirrizulta li anke l-prodotti iccirkolati fis-suq Korejan huma ftit differenti minn dawk iccirkolati fis-suq Ewropew;

5.1.7. Illi l-intimati qed jiccirkolaw, jimportaw u jispaccaw *spare parts* ta' l-ghamla *Kia* u *Hyundai* fis-suq Malti meta dawn, minhabba l-ghamla u l-ippakjar jirrizulta li kienu intizi biss ghas-suq Korejan, u allura qed iqarqu bil-konsumatur lokali u jikkagunaw danni ingenti lis-socjetajiet rikorrenti, (ara foll 7 *et sequitur*);

5.1.8. Illi *stante* li l-marki huma simili jew identici, dawn facilment joholqu konfuzjoni li mhix tollerabbli;

6. Illi f'dan l-istadju l-azzjoni odjerna hi l-uniku mezz li r-rikorrenti *nomine* ghandu biex jikkawtela il-pretenzjonijiet tieghu;

Ikkunsidrat;

7.0. Illi minn naha taghhom fil-mertu l-intimati isostnu sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi r-rikors odjern hu irritwali *stante* li l-procedura odjerna tirrigwarda drittijiet relattivi ghall-*trademarks*;

7.2. Illi s-socjeta *Hyundai Motor Co. Ltd* m'ghandha l-ebda dritt fuq il-marki tas-socjeta` *Kia Motors Corp. Ltd.* u vice versa;

7.3. Illi r-rikorrenti *nomine* m'ghandu l-ebda dritt *prima facie* fir-rigward;

7.4. Illi l-proprjetajru tat-*trademark* jista' jallega ksur ta' *trademark* biss *ai termini* ta' l-artiklu 10 tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta;

7.5. Illi l-oneru ta' ksur ta' *trademark* jinkombi fuq ir-rikorrenti *nomine*;

7.6. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti *nomine* rigwardanti l-arrangament tal-gurisdizzjoni distributtiva tas-socjetajiet minnu rapprezentati ghandha tigi debitament ipprovata minnu;

7.7. Illi ma jezisti l-ebda pregudizzju ghas-socjetajiet rapprezentati mir-rikorrenti *nomine stante* li finalment il-kummerc kollu generat mill-intimati hu a beneficcju ta' l-istess socjetajiet;

7.8. Illi gia` jezistu mandati ohra fil-konfront ta’ l-intimati li ghalhekk jimpedixxu lill-intimati milli jagixxu, u ghalhekk, m’hemmx htiega ta’ mandat ulterjuri;

7.9. Illi in vista tal-premess, it-talba tar-rikorrenti *nomine* ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi fid-dawl tas-suespost, tad-dokumenti esebiti, tal-argumenti esposti mill-kontendenti kemm fir-rikors guramentat promotur u fir-risposta inoltrata ghall-istess, u finalment fit-trattazzjoni orali ta’ l-abbli rapprezentanti legali involuti, analizi tal-vertenza odjerna tirrileva s-segwenti:

8.1. Illi l-procedura in dizamina hi limitata u hi arginata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8.2. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li tali procedura hi specifikatament intiza biss biex izzomm persuna milli taghmel xi haga – tkun li tkun – li tista’ tkun ta’ pregudizzju, u allura ta’ hsara immedjata, lil dik il-parti li titlob il-hrug ta’ tali mandat;

8.3. Illi ghalhekk hu impellenti li biex tali mandat ikun jista’ jinhareg skond il-ligi, il-parti lanjanti ghandha tissodisfa ir-rekwiziti stipulati fl-istess artiklu tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili fuq riferit, (ara paragrafu numru tmienja punt wiehed, (8.1), aktar qabel), senjatament;

8.3.1. Illi l-mandat *de quo* hu necessarju biex jigu protetti d-drittijiet vantati mir-rikorrenti lanjanti;

8.3.2. Illi jrid jigi wkoll assodat li r-rikorrenti lanjanti jkollu ta' lanqas, dawk id-drittijiet pretizi f'livell ta' *prima facie*;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi analizi tal-fatti kif estrapolati mill-atti processwali u mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fuq gia` riferiti, jwassal sintentikament ghas-segwenti delineazzjoni tal-fatti:

9.1. Illi l-intimat Zerafa ghamel zmien twil, madwar ghoxrin (20) sena impjegat mar-rapprezentanti lokali tas-socjetajiet esteri rikorrenti;

9.2. Illi meta ddecieda li jhalli l-impjieg tieghu mill-istess jirrizulta li fetah negozju direttament konkorrenti ghall-istess billi beda jimporta, ibiegh u jiddistribwixxi *spare parts* tas-socjetajiet rikorrenti intizi specifikatament ghas-suq Asjatiku u mhux ghal dak Ewropew;

9.3. Illi tali distribuzzjoni ma tirrizultax li hi wahda kozmetika izda hi wkoll fizika *stante* li f'dawn l-*ispare parts* jezistu divergenzi fiziki strutturali minn dawk intizi ghas-suq Asjatiku ghall-dawk intizi ghas-suq Ewropew;

9.4. Illi *di piu`*, ghal ragunijiet kummercjali jirrizulta li l-prodott intiz ghall-Ewropa hu ghola fil-prezz minn dak intiz ghas-suq Asjatiku;

9.5. Illi inoltre, *nonostante* li l-prodott kummercjalizzat mill-intimati hu irhas fil-prezz, jirrizulta lli ma jikkonformax bi precizjoni mal-vetturi mibjugha fl-Ewropa, u ghalhekk hu finalment ta' detriment ukoll ghall-konsumatur lokali;

9.6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti *nomine* qed isofri pregudizzju *prima facie*;

9.6.1. Kemm ghaliex il-prodott li hu ftit differenti ghalkemm facilment superabbli mill-mekkanici involuti;

9.6.2. Kif ukoll ghaliex l-istess prodott mibjugh mill-intimati hu irhas fil-prezz u allura aktar allettanti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku:

10.1. Illi l-operat ta' l-intimati qieghed johloq pregudizzju ta' lanqas fil-livell ta' *prima facie* skond il-ligi lir-rikorrenti *nomine*;

10.2. Illi ghalhekk il-precett rikjest mill-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq indikat jirrizulta assodat;

10.3. Illi ghalhekk ukoll, dan jirrizulta sufficjenti biex id-drittijiet tar-rikorrenti fil-konfront ta’ l-intimati jattiraw it-tutela statutorja fuq indikata;

DECIDE:

11.0. Illi in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti *nomine* ipprova t-talbiet tieghu skond il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

11.1. Tvarja d-digriet precedenti taghha datat il-25 ta’ Frar, 2015 *contrario imperio* b’mod li issa l-mandat t’inibizzjoni *de quo* jinhareg b’mod permanenti;

11.2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------